Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 1 ta' Frar 2019**
**(OR. en)**

**5814/19**

**ECOFIN 70**
**UEM 22**
**SOC 49**
**EMPL 38**
**COMPET 77**
**ENV 84**
**EDUC 34**
**RECH 57**
**ENER 40**
**JAI 66**

**NOTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (parti 2)/Kunsill |
| Suġġett: | Rapport dwar is-Sostenibbiltà Fiskali 2018<br>– Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill ECOFIN |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż l-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport dwar is-Sostenibbiltà Fiskali 2018, kif imħejji mill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju fl-1 ta' Frar 2019.

**RAPPORT DWAR IS-SOSTENIBBILTÀ FISKALI 2018**

– Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill ECOFIN –

Il-Kunsill (ECOFIN):

1. JILQA' r-"Rapport Dwar is-Sostenibbiltà Fiskali 2018" tal-Kummissjoni, li jaġġorna u jsaħħaħ l-approċċ multidimensjonali għall-valutazzjoni tas-sostenibbiltà fiskali fl-Unjoni Ewropea u li tfassal mir-Rapport dwar it-Tixjiħ 2018. JAFFERMA MILL-ĠDID il-funzjonijiet differenti tal-analiżi tas-sostenibbiltà fiskali tal-Kummissjoni, inkluż għall-identifikazzjoni ta' akkumulazzjoni ta' riskji fiskali potenzjali f'pajjiżi tal-UE u l-użu tagħha bħala bażi għall-formulazzjoni ta' rekwiżiti u rakkomandazzjonijiet ta' politika fil-qafas tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u tas-Semestru Ewropew.

2. JENFASIZZA li l-vulnerabbiltajiet għadhom preżenti matul il-perijodu qasir, b' riskji fiskali identifikati għall-pajjiż wieħed. Madankollu, livelli ta' dejn għoljin jew li qed jiżdiedu f'xi Stati Membri jkomplu jirrappreżentaw sorsi importanti ta' vulnerabbiltà fuq perijodu qasir li jistgħu jiġġeneraw riskji fiskali anke f'perijodu qasir jekk jinbidlu l-perċezzjonijiet tas-suq finanzjarju.

3. JENFASIZZA li matul il-perijodu medju, seba' pajjiżi tal-UE jidher li qegħdin f'riskju għoli u erba' pajjiżi oħra jaffaċċjaw riskju medju, prinċipalment minħabba livelli għoljin ta' dejn tal-gvern, f'xi każi aggravat b'pożizzjoni fiskali dgħajfa, sensittività għal xokkijiet negattivi, u nefqa pubblika projettata relatata mal-età.

4. JIEĦU NOTA TAl-użu kemm tal-analiżi tas-sostenibbiltà tad-dejn kif ukoll tal-indikatur tad-diskrepanza fiskali (S2) sabiex issaħħaħ il-konklużjonijiet dwar is-sostenibbiltà fiskali fil-perijodu twil. JINNOTA li sitt pajjiżi tal-UE jidher li qegħdin f'riskju ta' sostenibbiltà għoli fuq perijodu twil, u 14-il pajjiż f'riskju medju, primarjament minħabba l-kostijiet projettati tat-tixjiħ li qed jiżdiedu, u f'xi każijiet minħabba l-vulnerabbiltajiet marbuta ma' livelli elevati tad-dejn tal-gvern. JIRRIKONOXXI l-isfidi importanti għas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi matul perijodu twil imposti mill-bidla demografika.

5. JIRRIKONOXXI li l-livelli għoljin ta' dejn pubbliku jistgħu jxekklu t-tkabbir ekonomiku, inaqqsu l-kapaċità li l-finanzi pubbliċi jipprovdu stabbilizzazzjoni kontraċiklika f'każijiet ta' tnaqqis fir-ritmu ekonomiku, u jimplika effetti kollaterali negattivi fuq il-kundizzjonijiet ta' finanzjament u l-istabbiltà finanzjarja fl-Istati Membri, b'mod partikolari għal dawk li għandhom il-Euro bħala l-munita komuni tagħhom.

6. JENFASIZZA li l-kombinazzjoni adegwata ta' politiki biex tiġi indirizzata l-isfida tas-sostenibbiltà fiskali għandha tiffoka fuq li jiġu żgurati stabbiltà makrofinanzjarja u finanzi pubbliċi sodi, inkluż permezz tar-riforma tal-pensjonijiet, tas-sistemi tal-kura tas-saħħa u tal-kura fit-tul, kif ukoll l-akkumulazzjoni tal-kapital u riformi li jżidu l-produttività, it-tkabbir u l-impjiegi, skont ir-raġunijiet ewlenin wara l-isfidi speċifiċi li jaffaċċja kull Stat Membru. JENFASIZZA li kundizzjonijiet makroekonomiċi favorevoli inkluż livelli baxxi ta' rati tal-imgħax għandhom jintużaw biex jinbnew mill-ġdid buffers fiskali, speċjalment f'dawk l-Istati Membri b'dejn tal-gvern għoli. JENFASIZZA li l-politiki makroekonomiċi u r-riformi strutturali għandhom jgħinu wkoll sabiex jinħoloq ambjent ekonomiku li jappoġġa l-konsolidazzjoni fiskali f'pajjiżi li għandhom bżonn inaqqsu d-dejn pubbliku.

7. JISSOTTOLINJA li anke f'każijiet fejn l-analiżi tal-Kummissjoni turi riskji baxxi għas-sostenibbiltà fiskali fil-perijodu medju u twil, l-Istati Membri jridu jiżguraw pożizzjonijiet fiskali sostenibbli, li jippermettu li jiġu ffaċċjati xokkijiet possibbli matul iċ-ċiklu ekonomiku. JAFFERMA MILL-ĠDID li l-aderenza għar-regoli fiskali tal-UE hija neċessarja biex jiġu żgurati livelli ta' dejn sostenibbli.

8. JENFASIZZA li, minħabba l-sfidi demografiċi, ir-riformi komprensivi għandhom impatt pożittiv sostanzjali fuq is-sostenibbiltà fiskali fuq perijodu twil, kif jidher mir-Rapport dwar it-Tixjiħ 2018. JAFFERMA MILL-ĠDID il-ħtieġa li tissokta l-azzjoni politika adegwata fir-rigward tal-oqsma kollha marbuta mal-età filwaqt li jitqiesu s-sitwazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż u l-isfidi relatati mal-adegwatezza tal-pensjoni, filwaqt li jiġu evitati l-miżuri li jmorru kontra r-riformi diġà mwettqa li jsaħħu s-sostenibbiltà. JENFASIZZA li dan jinvolvi implimentazzjoni immedjata u komprensiva tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż maħruġa fil-qafas tas-Semestru Ewropew u li għad hemm bżonn li l-Istati Membri jieħdu passi ulterjuri, għalkemm f'livelli differenti, sabiex iżidu l-età effettiva tal-irtirar, inkluż permezz tal-promozzjoni ta' parteċipazzjoni itwal u akbar fis-suq tax-xogħol, u l-evitar ta' ħruġ kmieni minnu, u billi jallinjaw l-età ta' rtirar, il-perijodu ta' kontribuzzjoni meħtieġ jew il-benefiċċji tal-pensjoni mal-istennija tal-għomor. Barra minn hekk, filwaqt li jfakkar fil-Konklużjonijiet tiegħu tat-8 ta' Novembru 2016[1], il-Kunsill JIKKUNSIDRA li huwa partikolarment importanti li jintlaħaq l-għan doppju li jiġu żgurati kemm is-sostenibbiltà fiskali kif ukoll l-aċċess għas-servizzi tal-kura tas-saħħa ta' kwalità tajba għal kulħadd, permezz ta' titjib fl-effiċjenza u l-effettività tas-sistemi tal-kura tas-saħħa u tal-kura fit-tul.

9. JAPPELLA lill-Istati Membri, speċjalment lil dawk li għandhom riskju ta' sostenibbiltà għoli fuq perijodu medju, biex jiffukaw l-attenzjoni fuq strateġiji fiskali u tal-politika strutturali orjentati lejn is-sostenibbiltà u t-tkabbir fil-Programmi ta' Stabbiltà u Konverġenza li ġejjin tagħhom; u JISTIEDEN lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jieħdu kont ta' dawn is-sejbiet dwar is-sostenibbiltà fl-analiżijiet, fir-rekwiżiti ta' politika u r-rakkomandazzjonijiet tagħhom fil-qafas tas-Semestru Ewropew, u fi ħdan il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Dawn l-istrateġiji u l-iżviluppi tas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi ser ikomplu jiġu ssorveljati b'mod regolari mill-Kunsill u l-Kummissjoni, filwaqt li jiġu rrispettati l-kompetenzi nazzjonali, inkluż permezz tal-inkorporazzjoni fil-valutazzjoni tagħhom ta' żviluppi ġodda f'kundizzjonijiet makroekonomiċi, politiki fiskali u riformi strutturali, l-aktar fl-oqsma tal-pensjonijiet u s-sistemi tal-kura tas-saħħa u tal-kura fit-tul.

[1] Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Konġunt tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika (EPC) u l-Kummissjoni dwar il-kura tas-saħħa u l-kura fit-tul fl-UE, 8 ta' Novembru 2016.

10. JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex twettaq il-valutazzjoni ġenerali profonda u regolari tagħha tas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi sa kmieni fl-2022, inkluż billi ttejjeb aktar il-metodoloġiji għall-valutazzjoni tas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi, u billi tuża l-projezzjonijiet aġġornati tan-nefqa relatata mal-età fir-Rapport dwar it-Tixjiħ 2021 li jmiss, filwaqt li taġġorna b'mod regolari l-valutazzjoni tal-Kummissjoni fir-rigward tas-sostenibbiltà (permezz tal-Monitoraġġ tas-Sostenibbiltà tad-Dejn). Il-Kumitat tal-Politika Ekonomika għandu jirrapporta lura lill-Kunsill abbażi tal-valutazzjoni ġenerali profonda.